MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Numru. 1281/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Jessica Grima)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Simona Camilleri li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, fis-07 ta' Novembru 2011 u fix-xhur ta' qabel gewwa San Pawl il-Bahar, u/jew fi bnadi ohra b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

1. Sabiex tissodisfa z-zina ta' haddiehor, hajjret ghall-prostituzzjoni lil Omissis 1 persuna ta' taht l-eta jew eccitat l-korruzzjoni taghha jew ghenet jew iffaccilitat din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, liema delitt huwa aggravat ghax sar b'qerq u kif ukoll ghax sar minn axxendent, mid-

demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu u kif ukoll ghax sar bhala drawwa jew hsieb ta' qliegh;

2. Sabiex tissodisfa z-zina ta' haddiehor qabdet lil Omissis 1 persuna taht l-eta fil-prostituzzjoni, jew ghal partecipazzjoni f'wirjiet pornografici;

3. Ippartecipat f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta u cioe' Omissis 1, fejn inghataw flus jew ghamliet ohra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens ghall-persuna li tkun qieghda tippartecipa fl-attivitajiet sesswali;

4. Gieghlet persuna ta' taht l-eta u cioe' lil Omissis 1 sabiex tippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' xi persuna ohra, jew xjentement gieghlet ghal skopijiet sesswali, persuna ta' taht l-eta sabiex tkun prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imgieghla tiehu sehem fl-attivitajiet, jew xjentement gieghlet ghal skopijiet sesswali, persuna ta' taht l-eta sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jew hadet sehem f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta', f'liema attivita' kellha x'taqsam l-prostituzzjoni ta' tfal; jew xjentement attendiet wirja pornografika li fiha hadu sehem xi tfal ta' taht l-eta';

5. Xjentement, ghexet, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra u cioe' ta' Omissis 1, liema persuna ma' ghalqitx l-eta ta' tmintax-il sena;

6. B'eghmil zieni ikkorrompiet lil Omissis 1, persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor, liema delitt huwa aggravat ghax sar b'theddid jew qerq u kif ukoll huwa aggravat billi sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi

zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, edukah, jghallmu, jindukrah jew izommu;

7. Eccitat, ghenet jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ Omissis 1, persuna ta’ taht l-eta’ tas-sess il-wiehed jew l-iehor, liema delitt huwa aggravat ghax sar b’theddid jew qerq u kif ukoll huwa aggravat billi sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, edukah, jghallmu, jindukrah jew izommu;

8. zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma iffrekwentati jew maghduda bhala li huma iffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

9. Bhala l-persuna li f’isimha ghandha hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat, halliet jew ippermettiet li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu uzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

10. Sabiex tissodisfa z-zina ta’ haddiehor, gieghlet bil-vjolenza jew hajjret b’qerq, persuna tal-eta u cioe’ Omissis 2, ghal prostituzzjoni liema delitt sar minn persuna ta’ fiducja jew ta’ relazzjonijiet familjari inkella bhala drawwa jew bi hsieb ta’ qliegh.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tal-25 ta’ Gunju 2012.

Semghet lill-imputata tiddikjara illi hija ma kellhiex oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-ewwel u id-disgha
akkuza migjuba il-konfront taghha.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputata qed jigu addebitati diversi reati b'mod ewlieni il-korruzzjoni tal-minorenni u l-istigazzjoni ghal korruzzjoni ta'l-istess u thajjir ghal prostitizzjoni ta' persuna taht l-eta'. L-imputata madanakollu tammetti biss l-ewwel u d-disa akkuzi kif imfissra fic-citazzjoni u cioe' l-akkuzi li jinkwadraw rwiehom taht dak dispost fl-artikoli 204(1)(c) u ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni.

Illi minhabba il-fatt, allura illi ma kienx hemm ammissjoni ghall-akkuzi kollha indikati fl-akkuza, il-Qorti bhala Qorti Istruttorja ipprocediet bil-kumpilazzjoni sabiex fl-ahharnett l-Avukat Generali xortawahda dehrlu illi mill-provi mismugha setghet tinsab htija fil-konfront ta'l-imputata ghall-akkuzi kollha addebitati lilha. Kwindi l-Qorti issa trid taghrbel ix-xhieda li hemm fl-atti sabiex tara jekk dawn l-akkuzi jirrizultawx kollha ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar x'wassal sabiex il-minuri Omissis 1, in-neputija ta'l-imputata, bdiet tipprostitwixxi ruhha. Jidher illi dina t-tfajla kellha ix-xewqa li taghmel il-*hair extensions* u li dawn kienu ser jiswewlha 'il fuq minn seba mitt ewro. Flus sabiex taghmilhom ma kellhiex, izda xtaqet tikseb dawn il-flus f'qasir zmien sabiex tilhaq tlestiehom qabel il-festa tar-rahal. Din iz-zaghzugha, li kellha f'dak iz-zmien sbatax-il sena, u li

kienet taf illi zijitha l-imputata kienet ghamlet zmien twil fil-mistier tal-prostituzzjoni, daret ghal fuq zijitha ghall-ghajnuna. Ghalkemm Omissis 1 fix-xhieda taghha tghid illi kienet iz-zija u cioe' l-imputata illi kienet hajjritha ghal dana ix-xoghol u li hi kienet ghamlet xi zmien tahsibha qabel accettat, l-imputata minn naha taghha tghid illi kienet in-neputija taghha li bdiet tinsisti maghha biex tghinha taqla' il-flus b'dan il-mod u li kienet minhabba fil-persistenza tal-minuri u il-fatt illi bdiet theddidha li kienet sejra tipprostitwixxi ruhha l-Gzira, illi hija cediet ghal dina il-pressjoni u krietilha appartament sabiex taghmel dan ix-xoghol minghajr ebda inkwiet. Tghid ukoll l-imputata illi ghall-ewwel bdiet tghaddielha il-klijenti, u dana peress illi, kif diga, inghad hija kienet ghamlet zmien fil-mistier u kienet taf xi nies interessati, izda tghid illi Omissis 1 anke sabet klijenti hi ukoll. Huwa fatt mhux kontradett madanakollu, illi kienet l-imputata li ghenet lill-minuri sabiex taqbad it-triq tal-prostituzzjoni u li kienet hi li kriet appartament fejn il-minuri setghet taghmel dana ix-xoghol liberalment 'il boghod minn ghajn in-nies u ghad insaputa tal-familja taghha.

Illi ma hemmx qbil lanqas bejn il-minuri u l-imputata dwar x'kien isir mir-rikavat li kienet tircevi Omissis 1 minn dan ix-xoghol. Omissis 1 issostni illi kienet zijitha biss li kienet tghaddielha il-klijenti u li huma kienu jaqsmu r-rikavat bejniethom nofs bin-nofs. L-imputata dana tichdu. Tghid illi l-flus li kienet tircevi l-minuri minn ghand il-klijenti kienet tehodhom kollha hi u kienet tghaddielha biss l-flus ghal kera ta'l-appartament, u dana peress illi l-imputata kienet kriet l-appartament fuq isimha u kienet tghaddielha ukoll xi flus ghal hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ghal kumplament tghid illi il-flus kienet tehdohom kollha in-neputija taghha.

Illi l-minuri tikkontendi ukoll illi l-ewwel darba illi ppruvat taghmel dan ix-xohol, hija kienet marret f'kamra f' lukanda fejn hemmhekk kien hemm ragel qed jistenniehom. Hawn hi tghid illi huma it-tnejn kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' dana ir-ragel li hallashom is-somma ta' €200 li kienu qassmu ugwalment bejniethom. Dana l-episodju l-

imputata tichad li qatt gara u tghid illi huwa kollu invenzjoni minn naha ta' Naomi.

Illi dak li wassal sabiex sar ir-rapport lill-pulizija u ghalhekk bdew il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-imputata, kien il-fatt illi n-namrat ta' Omissis 1, li jidher illi kienet tikkoabita mieghu f'appartament iehor, kien sar jaf b'dak illi kienet qed taghmel it-tfajla tieghu minn wara daharu. Hawnhekk jidher illi Omissis 1 tat it-tort ta' kollox lil zijitha fejn ghalkemm ammettiet li kienet bdiet taghmel dana ix-xoghol sabiex tkun tista' taghmel il-*hair extensions*, madanakollu tghidlu illi hija kienet ilha zmien tghid lil zijitha li riedet tieqaf, izda zijitha u cioe' l-imputata kienet bdiet theddidha illi bl-ghajnuna ta' certu Omissis 3 u iehor imsejjah Omissis 4 mill-Mosta kienet ser taghmel il-hsara lill-genituri taghha. Ghalhekk kienet qed tghid illi kienet qed tigi imgieghla tkompli taghmel dana ix-xoghol minn zijitha taht theddid u pressjoni. In-namrat taghha, Omissis 5, jikkomunika dan kollu lill-genituri tal-minuri fejn missier Omissis 1 jiddeciedi li jaghmel rapport lill-pulizija. Minn hawn ghalhekk l-imputata tigi arrestata u interrogata fejn tirrilaxxja zewg stqarrijiet li essenzjalment tikkonfermhom bil-gurament meta tixhed fil-Qorti.

L-imputata issostni illi hija qatt ma gieghlet lin-neputija taghha taqbad dina it-triq tal-prostituzzjoni, izda tghid illi il-minuri riedet taghmel dan akkost ta' kollox u billi hi, li kif diga inghad kienet ghamlet zmien twil fil-mistier u kienet taf bil-perikli kbar li kienu jezistu, ma xtaqitx lin-neputija taghha tghaddi mill-gwaj li kienet ghaddiet minnhom hi fejn kienet giet abbuzata u ghalhekk iddecidiet illi issibilha appartament u tikrieh fuq isimha sabiex in-neputija taghha tkun tista taghmel dana ix-xoghol b'inqas periklu u 'il boghod minn ghajn in-nies. Tghid illi dana ghamlitu ghal gid tan-neputija taghha u minghajr qatt ma haditilha xi flus mir-rikavat li kienet qed tircevi ghas-servizzi sesswali li kienet qed taghti lill-klijenti taghha. Tammetti ukoll illi kienet ghaddietilha l-ismijiet ta' xi klijenti li kellha hi sabiex tkun tista' tibda f'dana ix-xoghol. Tichad illi hija qatt ippartecipat f'xi att sesswali flimkien man-neputija taghha u issostni li qatt ma kienet prezenti filwaqt illi Naomi kienet qed taqdi lill-klijenti.

Ikkunsidrat,

Illi kif diga inghad l-Avukat Generali qed jindika fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tieghu illi l-imputata tista’ tinsab hatja tar-reati ikkontemplati fl-artikolu 203 u 203A tal-Kaptolu 9 li jitkellmu dwar il-korruzzjoni tal-minorenni. L-artikolu 203 ighid:

“**Kull min, b’egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta’ taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha**:”

Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: **“*deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.*”** Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta’ tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe’ l-eghmil zieni. “***Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed*.”** Il-Professur Mamo ikompli **“*this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence*”. Isostni: “*To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently***

***intended to defile*.” Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: “*inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite*.”**

Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa’ vittma ta’ dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta’ dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-*mens rea* rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta’ dana ir-reat: **“*The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile*.”**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-**Pulizija versus Thomas Wiffen,** deciza fit-8 ta’ Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

***‘As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with***

***any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-imputata ma ikkomettiet l-ebda att ta' libidine jew kif imsejjha "lewd acts" fuq il-persuna tal-minuri Naomi 1 li setghu wasslu ghal korruzzjoni taghha. Kienet fuq xewqa ta'l-istess minuri illi l-minuri bdiet tipprostitwixxi ruhha. Ma kien hemm l-ebda azzjoni minn naha ta'l-imputata maghmula fuq il-minuri li b'xi mod setghet wasslet ghall-eccittament sesswali ta' din il-minuri. Illi ghalkemm il-minuri tallega illi fl-ewwel okkazzjoni illi hija bdiet tipprostitwixxi ruhha dana ghamlitu flimkien ma' zijitha f'kamra f'lukanda, madanakollu dana l-imputata tichdu u tghid illi huwa kollu invenzjoni mill-minuri. Il-Qorti ma ghandha l-ebda prova ohra fl-atti li tista' tindika illi dak li qed tghid il-minuri huwa minnu. Fuq kollox il-Qorti temmen illi l-minuri ammettiet dak li kienet qed taghmel meta inkixfet min-namrat taghha u ippruvat tghatti xturha billi titfa' it-tort kollu fuq zijitha. B'dana kollu, ma ifissirx illi l-Qorti qieghda b'xi mod tiskuza l-azzjonijiet maghmula mill-imputata, li kienet mara matura u messha kienet taf ben tajjeb x'setghu kienu il-konsegwenzi ta'l-azzjonijiet taghha, izda l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi dina l-minuri li hija piuttiost prekoci kienet lestha titlef l-unur taghha u dana sabiex tkun tista' taghmel l-extensions f'xaghrha!

Illi kwindi lanqas ir-reat minuri ikkontemplat fl-artikolu 203A ma jista jirrizulta mill-fattispecje ta' dana il-kaz. Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq l-eghmil zieni, izda fuq l-eccitament, l-ghajnuna jew il-facilitizazzjoni tal-korruzzjoni tal-minuri. Illi is-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Sant studjat *funditus* dana ir-reat li gie introdott fid-dritt penali taghna fl-2002. il-Qorti qalet hekk dwar dan ir-reat:

***Jidher car li l-ghan tal-legislatur kien li bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid jikkolpixxi kull att***

***li ghalkemm ma jsirx fuq il-persuna tal-minuri jista' jwassal biex din tigi eccitata jew biex jghin u jiffacilita' l-korruzzjoni tal-istess persuna taht l-eta'.....***

Hawnhekk ukoll hemm bzonn azzjoni da parti tal-persuna akkuzata li tghin jew tiffacilita l-korruzzjoni. F'dan il-kaz piuttost uniku, kienet il-minuri li tallbet lil zijitha sabiex taqbad it-triq tal-prostituzzjoni u mhux vice-versa. Kienet il-minuri li kienet taf ben tajjeb x'kien jinvolvi ix-xoghol tal-prostituzzjoni li wriet ix-xewqa li taghmel dina l-attivita' sabiex taqla' il-flus malajr. L-imputata ma ikkomettiet l-ebda azzjoni fil-konfront tal-minuri li permezz taghha hija eccitat, ghenet jew iffaccilitat il-korruzzjoni ta'l-istess. Hawnhekk il-ligi qed tippostula l-innocenza tal-minuri li hija injara ghall-intenzjonijet malizzjuzi u dizonesti ta'l-adult, li japproffita ruhu u dana sabiex jissodisfa iz-ziena tieghu. Kwindi lanqas dana ir-reat ma jissussisti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali jindika ukoll ir-reat dispost fl-artikolu 204 li huwa ir-reat ammess mill-imputata. Ghalkemm l-Avukat Generali jindika diversi aggravji ghal dana ir-reat u cioe' dawk ikkontemplati fis-subartikoli (1)(b)(c)(d), il-Qorti hija tal-fehma illi f'dana il-kaz jista' jirrizulta biss l-aggravju indikat fis-subartikolu (1)(c).

**(l) Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-età, jew jeċċita l-korruzzjoni tagħha, jew igħin jew jiffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:**

**Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**
**(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew biz-żwieġ, mill-missier jew l-omm adottivi, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur tal-persuna minuri, inkella minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun**

**ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.**

Illi id-dawl ta’l-ammissjoni irregistrata mill-imputata ghal dina l-imputazzjoni, l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja ta’l-istess, ghalkemm il-Qorti tistqarr illi mill-provi li hemm fl-atti ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta’ dana il-kaz jinkwadraw rwiehom perfettament taht dina d-disposizzjoni tal-ligi u huwa proprju ta’ dana r-reat li tista’ tinsab htija fil-konfront ta’l-imputata.

Ma hemmx dubbju illi l-imputata hija z-zija tal-minuri u ma hemmx dubbju illi hija offrietilha l-assistenza kollha mehtiega meta dina l-istess minuri wrietha ix-xewqa li taqbad it-triq tal-prostituzzjoni tant illi anke laqqghatha ma’ xi klijenti u ipprovdietilha l-appartament fejn hija setghet taghmel dana x-xoghol. Kwindi anke ir-reat, ukoll ammess mill-imputata, kif ikkontemplat fl-artikolu 9 tal-Kapitolu 63 jirrizulta ippruvat. Dana l-artikolu tal-ligi jiddisponi testwalment:

“**Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta’ laqgħa għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur.”**

Billi il-kummissjoni ta’ dana ir-reat minghajr dubbju kien il-mezz adoperat mill-imputata sabiex jintlahaq l-ghan ghal-kummissjoni tar-reat l-iehor kif dispost fl-artikolu 204 tal-Kapitolu 9, il-Qorti ser tapplika dak dipost fl-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali meta tigi biex tinfliggi l-piena fuq l-imputata.

Illi ir-reati l-ohra indikati mill-Avukat Generali ma jistghux jissussitu u dana billi hemm provi konfligenti dwar jekk l-imputata ippartecipatx f’att sesswali flimkien mal-minuri kif ukoll dwar jekk hija kenitx qed taqsam ir-rikavat minn dina l-attivita mal-minuri. Fil-fatt il-Prosekuzzjoni tressaq bhala xhud lil certu Omissis 6 li kien wiehed mill-klijenti li l-

imputata ghaddiet lill-minuri li ighid illi huwa hallas lill-minuri ghas-servizzi sesswali u li qatt ma ghadda flus lill-imputata li lanqas ma kienet prezenti fil-laqgha li kellu ma' dina l-minuri.

Ikkunsidrat,

Illi storja sekondarja li sawwret dana l-kaz kienet l-allegazzjoni illi l-imputata hajjret persuna ta'l-eta ghal prostituzzjoni. Dana qed jinghad ghaliex meta il-pulizija kienu qed jinvestigaw dana il-kaz harrget l-istorja illi l-imputata setghet hajjret lill-kollega taghha fuq il-post tax-xoghol certu Omissis 2 ghal prostituzzjoni. Fiz-zmien ta' dana l-kaz jidher illi l-imputata kienet impjegata bhala cleaner f'stabbiliment kummercjali gewwa l-Mosta. Hawnhekk kienet impjegata wkoll dina Barbara. Jidher illi kien hemm okkazzjoni fejn kien dahal klijent fl-istabbiliment li gharaf lill-imputata. L-imputata tghid illi hija introduciet dina l-persuna lil Barbara li fthiemu li jiehdu drink flimkien fil-hin tal-brejk tax-xoghol taghhom. Dana ghamluh gewwa garaxx fil-Mosta. Hawnhekk dana ir-ragel kellu inkontru sesswali ma' dawn iz-zewg nisa flimkien. Wara dan huwa ghaddiehlom xi flus bhala rigal biex jixtru xi haga ghalihom infushom. Jidher illi dana sehh f'iktar minn okkazzjoni wahda. Ritienne Barbara tixhed fil-qorti u tichad illi dana ix-xoghol hajjritha ghalih l-imputata jew li ghamluh ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Issostni illi hija accettat peress illi xtaqet avventura u li ma kien hemm l-ebda ftehim bejnha u bejn l-imputata ghar-rigward dawn l-attivitajiet sesswali. Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti ghalhekk lanqas ma tista' issib htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 205 tal-Kodici Kriminali.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tistqarr li ma tistax tinjora il-fattispecje partikolari ta' dana l-kaz, kaz fejn minuri wriet hi stess ix-xewqa li taghmel atti immorali u dana ghal raguni pwerili. L-imputata ma messha qatt cediet ghal pressjoni li kienet qed taghmel dina l-minuri fuqha u ghal dan l-izball hija batiet il-konsegwenzi billi in-neputija taghha, fuq kollox ta' tifla li kienet, meta inkixfet, bezghet u tefghet l-htija kollha fuq zijitha. Illi l-Qorti setghet tifhem dak li wassal lill-imputata

iccedi ghax-xewqat ta’ dina it-tfajla u dana billi hija kienet taf bir-riskji u l-gwaj li il-professjoni tal-prostituzzjoni iggorr maghha u li bil-mod kif kienet taf hi riedet izzomm lill-minuri ‘il boghod minnhom. Madankollu ir-rimedju taghha ma kien xejn ghaqli u matur u messha fittxet l-ghajnuna anke jekk hemm bzonn ta’ nies professjonali sabiex tipprova tikkonvinci lin-neputija taghha tiddezisti mill-azzjonijiet taghha. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi piena karcerarja effettiva f’dana il-kaz ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 204(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja ta’l-ewwel u d-disa’ akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tilliberaha mill-kumplament, tikkundannaha ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi llil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------